MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Numru. 220/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**versus**

**Marco Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Marco Pace ta' 33 sena iben Anthony u Giovanna nee' Azzopardi, mwieled Pieta fil-21 ta' Dicembru 1969 u residenti Mill Street Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 87770 (M).

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-7 ta' Jannar 1999 u matul dawn l-aħħar 10 snin qabel din id-data

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina u eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina u eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;
(c) U aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati (Malta)

Il-Qorti ntalbet ukoll biex tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap 9 għal dawk li għandhom x'jaqsmu spejjez ta' l-esperti

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 877 tas-sena 1970, il-fedina penali tiegħu minn fol 4 sa 13, l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tat-13 ta' Ġunju 2002; l-istqarrija ta' l-imputat a fol 19 u 20; il-proċess verbal imħejji minn Dr Carol Peralta LLD Magistrat bit-titolu 'Stqarrija ġuramentata ta' Carmel Muscat dwar sejba ta' droga kokaina fuq Carmel Muscat u Marco Pace nhar is-7 ta' Jannar 1999'; l-istqarrija ta' dan Carmel Muscat a fol 31 u 32; is-sentenzi esebiti u mmarkati Dok DT u kif wkoll il-verbal li fih dan il-process thalla għas-sentenza.

Semgħet ix-xhieda bil-gurament.

Semgħet lill-abbli prosekutur u l-abbli difensur jagħmlu t-trattazzjoni

**Ikkonsidrat**

Skond ix-xhieda tas-Supretendent Sandro Gatt, fis-7 ta' Jannar 1999 għall-ħabta tas-2.30pm, id-Drug Squad kienu infurmati mill-pulizija tar-Rabat illi kien mar l-għassa ċertu Carmelo Muscat fejn kien qalilhom li kien fil-kumpanija ta' certu Marco Pace jgħidulu Il-Pinzell u kienu marru flimkien go Wied il-Qlejja' ir-Rabat. Kif qal Muscat, kien tbaxxa għal xi siringa bil-kokaina. Meta l-Ispettur, illum Supretendent bagħat għal Marco Pace, dan kien nnega l-involviment tiegħu.

**L-istqarrija ta' l-imputat.**

L-imputat kien għamel l-istqarrija tiegħu fil-11 ta' Gunju 2002 jigifieri tliet snin wara l-imsemmi inċident. Huwa kien qal li kien qed jiskonta sentenza ta' ħabs u li kienu jgħidulu Il-Pinzell. Lil Carmelo Muscat kien jafu lejn Ħal Qormi fejn hemm il-bandli. L-imputat qal li qatt ma kien għamilha ma Carmelo Muscat. Huwa nnega li kien biegħ xi droga lil Carmelo Muscat. Innega wkoll li kien rikeb ma Carmelo Muscat fil-karozza u saq lejn Hal Balzan u lejn ir-Rabat. Meta kien mistoqsija jekk hux vera li qal lil Carmelo Muscat biex isuq lejn ic-Chadwick Lakes, l-

imputat qal li ma kienx jaf fejn huma iċ-Chadwick Lakes. Hu nnega li qatt qasam xi droga ma xi ħadd. Hu qal li kien jieħu xi kokaina u xi eroina u kien jixtrieha għalih personali. Dan kien jagħmlu qabel ma daħal il-ħabs u kien jixtieq jaqta' din id-drawwa. Huwa qal illi fl-1999 kien jieħu d-droga eroina u kokaina għax kien ilu jagħmel hekk minn meta kellu 15-il sena. Huwa nnega li qatt biegħ xi droga.

Kien pprezentat il-proces verbal li fih hemm l-istqarrija magħmula minn Carmel Muscat quddiem il-Magistrat Inkwerenti. Skond din l-istqarrija, Carmel Muscat kien waqaf Hal Qormi u staqsa lil Marco Pace jekk kellux xi kokaina. L-imputat kien qallu biex jgħaddi ftit tal-hin wara. Kwarta wara l-imputat kien rikeb ma Carmel Muscat u marru Hal Balzan fi spizerija. Kienu marru hemm biex jixtru xi siringi. L-imputat xtara xi siringi u rega dahal fil-karozza.

L-imputat qal lil Carmel Muscat biex isuq lejn ir-Rabat u beda jagħtih id-direzzjonijiet.

Malli wasal fejn ic-Chadwick Lakes, l-imputat qallu biex iwaqqaf il-karozza. Hawn, Carmel Muscat beza' u haseb li l-imputat kien qed jilgħabu mal-pulizija u għal hekk mar f'nofs għalqa fil-vicin u beda jgħajjat sabiex jekk il-pulizija jridu jarrestawh. Huwa qal ukoll li fuqu ma kellu xejn u ma kienx ser imiss il-karozza tiegħu minn postha.

L-imputat beda jipprova jikkalmah waqt illi Carmel Muscat beda jgħidlu biex ma jigix lejh. Imbgħad l-imputat beda jgħid lil Carmel Muscat beda jgħid lill-imputat biex imur hdejh halli jagħtih ftit kokaina ohra halli jikkalma. U x-xhud Carmel Muscat beda jgħidlu li l-kokaina qegħda għandu.

Izda l-imputat beda jgħid li l-kokaina kienet għand ix-xhud u x-xhud beda jgħid lil Marco Pace biex ma jersaqx lejh.

L-imputat beda miexi u xi nofs siegħa wara ra lil Marco Pace jimxi warajh. Ix-xhud sab l-ewwel bieb u habbat lil wahda mara. Mingħandha cempel lil ohtu u qalilha biex iccempel lill-pulizija. Ma kienx cempel lill-pulizija għax

kien qed jippanikkja. Fil-fatt telaq mid-dar ta’ dik il-mara u baqa’ miexi lejn l-għassa tar-Rabat. Huwa qal lill-pulizija x’kien gralu. Kien qalilhom li kien mar ic-Chadwick Lakes ma’ l-imputat sabiex jagħtih xi ftit kokaina u meta dan ix-xhud haseb li l-imputat kien qed jipprova jiggakbinah, huwa kien telaq minn hdejn u mar l-għassa tal-pulizija. Il-pulizija zammewh hemm.

Dan ix-xhud kien qal ukoll li kien beda jieħu l-kokaina mingħand l-imputat madwar il-bidu tas-sena 1999, jigifieri s-sena ta’ meta għamel din l-istqarrija. Hu kien xtara mingħand l-imputat tliet darbiet u dejjem xtara kokaina. Dan kien jixtrieha b’LM40 il-gramma mingħand l-imputat. Huwa kien għamel sena wieqaf apparti ż-żmien li għamel il-ħabs mid-droga qabel ma reġa beda jixtri mingħand l-imputat. Hu kien imur hdejn il-garaxx ta’ Marco u dan kien ibegħlu l-kokaina. Infatti l-imputat kien jgħidlu biex jistennieh jew jerga jgħaddi wara xi ftit minuti. Il-kokaina l-imputat kien jagħtihielu ppakkjata f’karta. Huwa qal li din l-istqarrija kien għamilha mingħajr theddid jew wegħdi ta’ vantaġġi u kien ffirmaha.

Xehed ukoll Peter Muscat fl-1 ta’ Frar 2008 fejn, wara li kien eżentat mis-sigriet professjonali minn Carmelo Muscat, qal illi f’Jannar 1999 kien mar jarah Carmelo Muscat wara li l-gimgħa ta’ qabel kien arrestat. Dr. Peter Muscat ha l-istorja ta’ dan ix-xhud u qal illi kien jidher li qed ibati minn stat ta’ paranoia. Hu kien qed jemmen li kien qed jigi segwit. Kien jahseb li kien hemm xi radjijiet to track him down. Huwa beda jissuspetta ħazin f’ħafna nies madwaru inkluż it-tfajla tiegħu. Kellu wkoll allucinazzjonijiet vizwali kif wkoll kien għaddej minn stat ta’ ecitament qawwi minhabba din il-biza’ kollha illi kien qed jgħaddi minnha minħabba dawn l-esperjenzi li kien qed ikollu.

Skond dan ix-xhud, dan l-istat mentali ddisturbat kien kkaġunat minn droga u dan ix-xhud kien ammetta mat-tabib li kien ha xi droga. Il-kokaina tista tagħmel bniedem paranoid u tista wkoll ġġiblek imgieba disturbata. Dr Peter Muscat kien ttratta lil dan ix-xhud minhabba l-effetti tal-paranoia.

Dr Peter Mucat xehed ukoll li jekk fis-7 ta' Jannar 1999, ix-xhud kien qed ibati minn paranoia u kien f'xi stat disturbat, allura jista jkun illi dak illi huwa kien qal seta' kien delużjonali. Jigifieri seta' kien qed igerfex f'dak li kien qed jgħid u seta kien qiegħed jgħid affarijiet li ma kienux minnhom. Pero jista jkun ukoll li jekk hu ma kienx taht l-istat tad-droga dak il-hin jew ma kienx taħt stat ta' withdrawal symptoms, seta' qal il-verita. Jigifieri fis-7 ta' Jannar 1999 hu ma kienx rah u ma jistax jgħid xi stat mentali kellu (fol 62). Hu kien rah ftit granet wara u dak li ddekrivielu kien stat ta' paranoia. Jiġifieri qabel ma rrilaxxja dan iċ-ċertifikat kien hemm perjodu deluzjonali.

Meta kien mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk hemmx hard and fast rule li tiddetermina li dak li kien qed jgħid dik il-persuna jistax ikun il-verita jew meno, ix-xhud wieġeb illi żgur kien għaddej minn perjodu ta' paranoia. Il-paranoia mhix xi ħaġa li tigi f'daqqa wahda u titlaq f'daqqa wahda. Generalment ikun hemm build up għaliha, specjalment jekk ikun hemm influwenzi tad-drogi. Il-gimgħa ta' wara li rah zgur li kien disturbat pero meta hu kien qed jirrilaxxja l-istatement tiegħu, ix-xhud ma kienx prezenti u allura ma jistax jgħid (fol 62).

Dan ix-xhud kompla jispjega li l-element ta' paranoia jista jibqa hemm anke jekk tkun waqqaft id-droga.

Fil-kontro ezami huwa qal illi hemm il-probabbilta li anke fis-7 ta' Jannar 1999 kien qed ibati mill-istess ħaġa. U għal hekk ma kienx ta min joqgħod fuqu meta jkun f'dak l-istat.

Il-prosekuzzjoni għamlet ri-ezami u fiha x-xhud qal li hu ma jistax jeskludi li kien qed jgħid il-verita pero hemm probabbilta kbira li jekk hu dak il-hin kien paranoid jigifieri li l-istat mentali tiegħu kien disturbat, allura seta gerfex f'dak li qal peress li hu kien qed jibza'. Hu kien qed jemmen li kien qed jigi segwit u li kien hemm xi frame up u allura jkun li jkun qal xi ħaġa li ma kinitx minnha.

Tela jixhed Carmel Muscat u l-Qorti qratlu x’kien qal dak inhar meta mar quddiem il-Magistrat. Hu qal li beda jahseb hazin f’kulhadd.

Il-Qorti qratlu wkoll il-bicca fejn kienu waslu għac-Chadwick Lakes u meta staqsietu jiftakarx l-incident, huwa qal iva. Iktar tard qal li dak il-hin lanqas missha għax għalih hu kien qed jara l-pulizija go fiha jippruvaw jiffremjawh. Il-Qorti imbgħad qaltlu ‘Tiftakar li habbat bieb ta’ mara?’ U fakkritu wkoll li qiegħed bil-gurament u qal li jaf u wissietu wkoll li dak li kien qal qabel kien bil-ġurament. Imbgħad staqsietu jekk jiftakarx li kien mar ic-Chadwick Lakes u hu qal li kien niżel ir-Rabat u ma kienx jaf il-karozza fejn kienet u fil-fatt kienu l-pulizija li gabu il-karozza. Meta kien rega mistoqsi jiftakarx li habbat lil xi mara, a fol 72 qal ‘Insejt.’ Imbgħad qal li jista jkun li l-pulizija kienu gew għalih l-għassa tar-Rabat. A fol 73 qal li kienu gew għalih tad-Drug Squad. Il-Qorti hawn hekk qratlu meta qal li beda jieħu l-kokaina madwar l-imputat jigifieri fil-bidu tas-sena 1999. Hu qal ‘Iva mela’. Jigifieri kien ftakar. Imbgħad qaltlu li kien qal li kien xtara mingħand l-imputat xi tliet darbiet. U hawn qal ‘Għax jiena l-karozza ma missejthiex u imbgħad gie Sandro Gatt l-Ispettur.’ Il-Qorti kompliet taqralu illi hu kien qal li l-kokaina kien xtraha b’Lm40 il-gramma u meta staqsietu jekk jikkonfermax qal ‘Le le’. Il-Qorti staqsietu ‘Mhux tiftakarha din?’ U wiegeb ‘Le’. (Ara fol 73). Imbgħad il-Qorti kompliet taqra l-istqarrija u x-xhud qal ‘Dak inhar jiena niftakar li l-Ispettur kien Sandro Gatt u mhux Neville Aquilina u l-karozza ma kienx missha għax beda jara n-nies go fiha. Il-Qorti hawn reggħet fakkritu li kien qiegħed bil-gurament. Meta imbgħad il-Qorti staqsietu jekk xtarax mingħand l-imputat, ix-xhud qal ‘Le jiena ma xtrajtx mingħandu.’ Meta imbgħad il-prosekuzzjoni staqsietu jekk jgħarafx lil Marco Pace, ix-xhud qal ‘It-tnejn minn Hal Qormi, jista’ jkun.’ U meta l-Qorti reggħet għamlitha diretta qal ‘Lanqas jista’ jkun ma tafux hux.’ U fl-ahhar qal ‘Ngħarfu iva.’ (ara fol 75). Ix-xhud rega qal ‘Ma xtrajtx jiena. Jiena ppanikkjajt.’ U baqa’ jgħid illi ma xtarax. Hawn hekk id-difiża staqsietu jekk kienx mar għand il-psikjatra Muscat u huwa kkonferma illi iva kien mar.

Xehed ukoll PS 114 Massimo Persiano illi qal li hu kien prezenti meta ngħata twissija mill-ispettur dwar l-istqarrija li kien rrilaxxja. Huwa kien qed jgħaraf wkoll lill-imputat.

L-ispettur Dennis Theuma ppreżenta wkoll xi sentenzi waqt illi d-difiza ddikjarat illi ma kellhiex provi.

**Ikkonsidrat**

Li dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ġabet l-istqarrija ġuramentata li kien għamel Carmel Muscat fis-7 ta' Jannar 1999 quddiem il-Maġistrat Inkwirenti l-Maġistrat Carol Peralta.

Il-Prosekuzzjoni tellgħet jixhed lill-istess Carmel Muscat waqt li ttella' jixhed ukoll Dr.Peter Muscat. Dan ix-xhud kien xolt mis-sigriet professjonali u seta' liberalment jixhed dwar l-istat mentali tax-xhud Carmel Muscat ġimgħa wara li dan kien arrestat u li Carmel Muscat kien għamel l-istqarrija ġuramentata.

**Ix-Xhieda ta' Dr.Peter Muscat**

Il-problema dwar dan ix-xhud hi li hu ma kienx eżamina lil Carmel Muscat fis-7 ta' Jannar 1999 meta saret l-istqarrija ġuramentata. L-istess psikjatra jgħid li ma setax jgħid xi stat mentali kellu dan ix-xhud. Dan jgħidu darbtejn a fol.62 Huwa jgħid li Carmel Muscat kien probabilment disurubat :

***'Pero' fil-mument meta hu kien qiegħed jirrilaxxja l-istatement tiegħu, jien ma kontx u ma nistax ngħidu.'***

U aktar tard dan ix-xhud qal:

***'Jien ma nistax neskludi li kien qed jgġid il-verita' pero' hemm probabbilta' kbira li jekk hu dak il-ħin kien paranojku, jiġiferi l-istat mentali tiegħu kien disturbat, allura seta' gerfex f'dak illi qal peress li kien***

***qed jibża', mhux jibża' kien qed jemmen li kien qed jiġi segwit u kien hemm xi frame up u allura jsita' jkun li rrelata xi ħaġa li ma kinitx minnha.'***

Skond l-artikolu 656 tal-Kap 9,

***'Min għandu jiddeċidi mhux*** marbut ***li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu.'***

Issa f'dan il-każ Dr.Peter Muscat lanqas huwa biss 'perit' għaliex il-Qorti ma ħatritux bħala Perit.

Il-Qorti mhix qed tqis li din l-evidenza titfa' xi dawl fuq l-istqarrija magħmula minn Carmel Muscat u dan għaliex

(i) Dr.Peter Muscat ma kienx ra lil dan ix-xhud dak in-nhar ta' l-istatement u x-xhieda mogħtija u rah biss ġimgħa wara;

(ii) L-istess evidenza fiha ħafna kwalifiki bħal 'jista' jkun' jew 'seta' gerfex'.

**L-Istqarrija ta' l-Imputat**

Il-Qorti ser tmur oltre dawn ir-raġunijiet. Ukoll jekk Carmel Muscat kien paranojku u qed jimmaġina li kien qed jiġi persegwitat, l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija kienet ikkonfermata dak in-nhar stess quddiem il-Maġistrat Inkwirenti kif jirriżulta mill-Proċess Verbal.

L-istqarrija fiha nnifisha fiha l-kronoloġija normali li wieħed isib f'tali stqarrijiet inkluż ċerti dettalji. Per eżempju:

'Illum għall-ħabta tal-11.30 am jein kont għaddej minn quddiem il-garage to Marco magħruf bħala l-Pinzell, u li joqgħod Ħal-Qormi, waqqaft il-karrozza u għidtlu jekk kellux xi droga, jiġifieri kokaina. '

Minn hawn tibda sensiela ta' dettalji żgħar bħal f'liema raħal marru biex isibu spiżerija, in-naħa ta' fejn kienu qed isuqu, u li l-imputat ipprova jikkalmah.

Hawn jgħid li marru l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat u stqarr ma' dawn il-Pulizija li kien ma' l-imputat sabiex dan jagħtih xi ftit kokaina.

Iżda x-xhud ma waqafx hawn. Qal ukoll x'kien jagħmel ***qabel:***

Huwa qal li

(i) kien beda jieħu l-kokaina minn għand l-imputat mill-bidu tas-sena (1999);
(ii) Li kien xtara tliet darbiet;

(iii) Li kien jixtriha Lm40 l-gramma.

Saħansitra huwa qal fejn kien imur ħdejn il-garage ta' l-imputat.

Fil-fehma tal-Qorti ix-xhud għamel stqarrija li fil-fiżjonomija tagħha tixbaħ eluf oħra bħala. M'hemm xejn fiha li ġġagħilha titħasseb jew li joħloq xi dubju. Id-dokument innifsu huwa ċar, isegwi fil-ħin, jirreferi għal-laqgħat li saru qabel u għalhekk l-Qorti tħoss li għandha toqgħod fuqha.

**Ix-xhieda Mogħtija minn Carmel Muscat**

Bir-rispett kollu dan ix-xhud beda jagħżel x'jiftakar u x'ma jiftakarx. Il-Qorti kellha tfakkru li kien qiegħed bil-ġurament. (Ara fol.74). Saħansitra wkoll biex jagħraf lill-imputat ma weġibx b'mod dirett iżda minnflok qal:

'It-Tnejn minn Ħal-Qormi, jista' jkun'.

U wara t-tieni mistqosija mill-Qorti:

'Qatt jista' jkun ma tafux hux.'

U meta l-Qorti qratlu l-parti ta' l-istqarrija fejn kien qal li kien jixtri l-kokaina Lm40 l-gramma minn għand l-imputat u staqsietu jekk jiftakarx li kien qal hekk u jikkonfermahx huwa wieġeb 'Le!Le!'. (Fol. 73)

Il-Qorti rat lil dan ix-xhud jixhed u mill-mod kif ġab ruħu kien jidher ċar li dan ma riedx jixhed.

Mill-istqarrija ta’ l-imputat stess (fol.10) (maħgmula fil-11 ta’ Ġunju 2002, jirriżulta li l-imputat kien jaf lix-xhud fejn qal:

‘Nafu għax ġieli rajtu fejn l-iskola ta’ Ħal-Qormi fejn hem mil-bandli’

‘Dan nafu għax kien jiġi għand missieri fil-ħanut li għandu l-ispare parts. Nafu wkoll għax huwa minn Ħal-Qormi.

L-imputat imbagħad ċaħad li kien mar Ħal-Balzan u lanqas kien jaf fejn jiġu ċ-Chadwick Lakes.

Imbagħad stqarr li kien jieħu l-kokaina jew l-eroina għalih personali. U dawn kien jeħodhom fl-1999.

Iż-żmein imsemmi mill-imputat jikkonċidi eżatt maż-żmien li semma x-xhud fl-sitqarrija tiegħu u d-data indikata fl-imputazzjoni.

**Ix-Xhieda Ġuramentata u X’qal ix-xhud minn fuq il-pedana tax-xhieda.**

Ix-xhieda ġuramentata ai fini ta’ l-Artikolu 24(A)(12)(13) tal-Kap 101 għandha valur probatorju. Il-Qorti ssib li din l-istqarrija hija konvinċenti minħabba l-istruttura tagħha, il-forma tas-sentenzi u r-referenza luċida għall-passat. M’hemm xejn xi jżomm lill-Qorti milli temmen l-istqarrija ġuramentata aktar minn dak li qal ix-xhud minn fuq il-pedana tax-xhieda. Dan ġie kkonfermat saħansitra minn Deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet: 16 ta’ Marzu 2000 (Second Division)

‘Carmel Camilleri versus Malta Application Number 51760/98’

***‘The Court does not accept the applicant’s submission that the decision of the Court of Magistrates to convict him solely on the strength of***

***<u>the impeached statement in reality curtailed his defence riġħts. It is to be noted that the court had to make a choice between competing versions of the truth. It had the advantage of hearing the oral testimony of G.F. and observing at first hand his demeanour in the witness box under cross-examination. The court gave detailed reasons for its decision to attach weiġħt to G.F.'s accusatory statement before the investigating magistrate'</u>***

Id-difiża għamlet diversi sottomissjonijiet fosthom li l-Maġistrat Inkwirenti kkoreġha r-referenza huwa w jagħmel ir-rapport skond kif dirett mill-Avukat Ġenerali. Bir-rispett kollu l-Maġistrat Inkwirenti mhux marbut bil-Liġi li joqgħod isemmi l-artikolu tal-Kap 101 dwar l-Istqarrijiet ġuramentati li jsiru. Filfatt il-Liġi ma tikkomina ebda nullita' dwar dan.

Id-difiża ssottomettiet ukoll li l-imputazzjoni tirreferi għas-7 ta' Jannar 1999 u l-għaxar snin ta' qabel. Effettivament li jissemma fl-istqarrija ġuramentata huwa l-bidu ta' l-1999 u għalhekk, minkejja r-referenza ampja taż-żmien fl-imputazzjoni, il-fatti juru li l-ġrajja seħħew prattikament fl-1999 u mhux bejn l-1989 u l-1999.

Fl-aħħarnett id-difiża rreferiet għat-trapass taż-żmien. Dwar dan hawn żewġ osservazzjonijiet:

(a) L-ewwel it-trapass taż-żmien ma jġibx fix-xejn ir-reat ħlief permezz tal-preskrizzjoni;

(b) It-trapass taż-żmien jista' forsi jittieħed in konsiderazzjoni fil-piena.

Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni din hija ppruvata mill-istqarrija ta' l-imputat stess a fol.20.

Dwar ir-reċidiva, is-sottomsissjoni tad-difiża hija korretta. Għalkemm kienu ppreżentati s-sentenzi, qatt ma ġiet

ikkonfermata l-identita’ ta’ l-imputat.  Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap 9,ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-kap 101 issib lill-imputat ħati ta’ l-ewwel żewġ imputazzjonijiet bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda waqt li qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra l-fedina penali kif kienet fiż-żmien meta nbdew il-proċeduri kif ukoll li għadda xi ftit taż-żmien sakemm il-Prosekuzzjoni sabet ix-xhud li kellu jiddeponi.  Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta’ priġunerija ta’ sitt xhur u għall-ħlas ta’ multa ta’ €467 liema multa tista’ titħallas b’rati ta’ ħamsin ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum.  Jekk ma jitħallasx xi pagament il-bilanċ jitħallas f’daqqa.  Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Peress li ma tqabbdu ebda esperti, il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------